MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 158/2009

**Anchor Bay Leisures Limited**

***kontra***

**Edgar Urpani u Jack Serra Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Frar 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi fis-6 ta` Frar 2007, is-socjeta` rikorrenti kienet avvanzat lill-intimat Urpani li pprezenta ruhu bhala li kien qieghed jirrapprezenta lis-socjeta` intimata, is-somma ta` tmint elef u hames mitt Lira Maltin (Lm8,500.00) illum ekwivalenti ghal dsatax-il elf seba` mija disgha u sebghin*

*Euro u sebgha u sittin centezmu (€19,799.67) in linea ta` pagament akkont (ekwivalenti ghal hamsin fil-mija tal-ammont totali pattwit) ghal akkwist originarjament lilhom propost ta` Jetfloat Platform with Integrated Swimming Pool and Access Walk Way u dan skond kif jirrizulta mid-dokumenti relattivi li qeghdin jigu hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala (Dok. A; Dok. A1 u Dok. B) ;*

*2. Illi rrizulta sussegwentement illi tali negozju ma setax isehh minhabba l-fatt illi l-intimat Urpani kien ikkwota prezz, u kkonkluda mas-socjeta` rikorrenti ftehim ghal bejgh bi prezz, illi ma kienx effettivament dak reali, liema prezz – meta finalment ingieb a konjizzjoni tal-esponenti rrizulta li kien ferm u ferm aktar gholi minn dak lilha kkwotat u minnha accettat – tant li dan wassal biex l-ordni tigi kancellata mmedjatament mis-socjeta` rikorrenti ;*

*3. Illi s-socjeta` intimata ghal bidu gharrfet illi ma kenitx edotta mill-kontrattazzjoni maghmula mill-intimat allegatament ghan-nom taghha izda sussegwentement irrilaxxat ir-ricevuta hawn annessa bhala Dok. B ;*

*4. Illi kienet l-istess socjeta` intimata li fl-ahhar gharrfet lis-socjeta` rikorrenti bid-dettalji proprji tal-valur veru tal-Jetfloat Platform in kwistjoni u deher ghalhekk illi meta s-socjeta` esponenti ntalbet mill-intimat Urpani biex thallas is-somma ta` tmint elef u hames mitt Lira Maltin bhala hlas ta` nofs il-prezz tal-istess, l-intimat Urpani kien jaf jew kellu jaf ben tajjeb illi dan ma seta` qatt kien il-kaz – fatt assolutament injot ghas-socjeta` rikorrenti ;*

*5. Illi dwar dan il-fatt is-socjeta` rikorrenti qeghda tirrizerva minn issa kull azzjoni penali lilha talvolta spettanti skond il-Ligi ;*

*6. Illi l-intimati rrikonoxxew dan in-nuqqas min-naha ta` l-intimat Urpani u accettaw illi jirritornaw lura lis-socjeta` rikorrenti s-somma sborsata minnha akkont ta` l-akkwist propost ta` l-oggett de quo ;*

*7. Illi kien f`dan il-kuntest illi s-socjeta` intimata kienet harget cheque, mahrug fuq l-HSBC Bank Malta plc, bin-numru 000943, datat 30 ta` Mejju 2007, pero` dan ic-cheque kien gie "referred to drawer" minhabba l-fatt illi tali kont kien maghluq, Dok. C anness ;*

*8. Illi kien fl-istess kuntest imbaghad illi sussegwentement ghal dan l-intimat Urpani kien hareg cheque iehor, din id-darba mill-kont tieghu personali, mahrug fuq l-APS Bank, bin-numru 000047, datat 31 ta` Mejju 2007, liema cheque ukoll ma giex onorat (Dok. D anness) ;*

*9. Illi minkejja tali accettazzjoni ta` pagament u minkejja illi gew diversi drabi nterpellati sabiex jeffettwaw il-hlas u minkejja l-fatt illi saru promessi ripetuti ta` pagament, l-intimati naqsu milli jaghmlu dan ;*

*10. Illi fil-kontrattazzjonijiet kollha li ghaddew bejn il-partijiet, in-negozjati kienu kondotti mill-intimat Edgar Urpani, li talab u ottjena pagament favur is-socjeta` intimata Jack Serra Limited, liema socjeta` agixxiet ukoll in accettazzjoni tal-agir tal-istess Edgar Urpani bir-rilaxx tar-ricevuta ghall-flus imhallsa u bil-hrug ta` wiehed mill-assenji li baqghu mhux onorati, b`dan illi ghalhekk iz-zewg intimati huma solidament responsabbli ghal-hlas lura tal-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti ;*

*11. Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, l-intimati ma ghandhom assolutament ebda eccezzjoni x`jissollevaw kontra l-pagament ta` l-istess ;*

*12. Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta` l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex :-*

*1. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom illi jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` dsatax-il elf seba` mija disgha u sebghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€19,799.67) gia tmint elef u hames mitt Lira Maltin (Lm8,500.00), ammont lilha dovut kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta` l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Bl-ispejjez, u interessi legali mit-30 ta` Mejju 2007 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat li ghalkemm il-kumpannija konvenuta Jack Serra Limited kienet debitament notifikata skond il-ligi bir-rikors promotorju u bl-avviz tas-smigh tal-kawza hija baqghet kontumaci.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2009 (fol 29) fejn, wara li dehrilha li l-konvenut l-iehor Edgar Urpani kellu eccezzjoni valida x`jaghti ghat-talba attrici, akkordatlu zmien ghoxrin (20) jum zmien sabiex jipprezenta risposta mahlufa.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Edgar Urpani prezentata fl-4 ta` Dicembru 2009 li taqra hekk –

*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici ghas-segwenti ragunijiet :*

*1. Illi l-esponenti Edgar Urpani personalment mhuwiex debitur tas-socjeta` attrici ;*

*2. Illi huwa qatt ma nnegozja mas-socjeta` attrici f`ismu personali izda dejjem ghan-nom tas-socjeta` Jack Serra Limited ;*

*3. Illi jirrizulta car mill-inkartament anness mar-rikors guramentat tas-socjeta` attrici li l-mertu jikkoncerna negozju mal-kumpannija Jack Serra Limited ;*

*4. Illi ghalhekk l-esponenti Edgar Urpani ma huwiex solidalment responsabbli flimkien mas-socjeta` intimata Jack Serra Limited ghall-hlas lura ta` dak allegatament dovut ;*

*5. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Semghet id-deposizzjoni ta` David Galea (fol 43 u 44) fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2010.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta` Mark Bonnici (fol 51 sa 54) flimkien mad-dokumenti li kienu hemm annessi (fol 55 sa 109), ta` Emmanuel Bonnici (fol 116 u 177), u ta` Stephen Bonnici (fol 117 sa 119).

Semghet id-deposizzjoni ta` Audrey Ghigo (fol 120 u 121) fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2011 u tal-istess xhud (fol 124 u 125) fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2011.

Semghet id-deposizzjoni tal-konvenut (fol 127 sa 132) fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kawza tal-lum, il-kumpannija attrici qeghda titlob il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ***in solidum*** tal-ammont li tieghu qeghda titlob ir-rifuzjoni.

Fil-**premessi** tar-rikors mahluf, il-kumpannija attrici taccetta li l-ordni ghall-akkwist u konsenja ta` *Jetfloat Platform with Integrated Swimming Pool and Access Walk Way* sar mal-kumpannija konvenuta Jack Serra Limited li ghaliha kien qieghed jidher il-konvenut l-iehor Edgar Urpani.

Skond id-dokumenti li kienu esebiti u abbazi ta` provi ohra li ngabru fil-kawza, jirrizulta li fit-2 ta` Frar 2007 Jack Serra Limited harget Proforma Invoice (DOK A) fir-rigward tal-apparat fuq riferit. Il-kondizzjonijiet tal-kuntratt kienu accettati minn Edgar Urpani ghal Jack Serra Limited u Emmanuel Bonnici ghall-kumpannija attrici (DOK A1). Fis-6 ta` Frar 2007 Jack Serra Limited harget ricevuta, iffirmata minn Edgar Urpani, ghall-ammont ta` Lm8,500 li, kif kien patwit anke skond il-Proforma Invoice, kien jirrapprezenta il-hlas ta` nofs il-prezz. Fl-affidavit tieghu, Mark Bonnici jfisser id-dettalji kollha tat-trattattivi kollha li saru ma` l-konvenuti, jaghti r-ragunijiet tieghu ghala l-konsenja tal-apparat ma saritx u jfisser il-kuntatti li saru direttament mal-fornituri esteri tal-apparat.

Rilevanti ghall-fini tat-talba attrici huwa biss il-fatt li l-konsenja tal-apparat baqghet ma saritx u Jack Serra Limited tramite Edgar Urpani accettat li thallas lura d-depozitu ta` Lm8,500. Fil-fatt hareg cheque fuq kont ta` Jack Serra Limited mal-HSBC Bank Malta plc datat <u>30 ta` Mejju 2007</u> (DOK C) iffirmat minn Edgar Urpani ghall-ammont ta` Lm8,500 li pero` kien *referred to drawer.* L-ghada u cioe` fil-<u>31 ta` Mejju 2007</u> hareg cheque iehor ghall-istess ammont minn kont personali tal-istess Edgar Urpani fl-APS Bank Limited u ffirmat minnu wkoll ili lanqas dan ma kien onorat mill-bank.

Skond ix-xhud David Galea, rapprezentant tal-APS Bank Limited, il-kont li minnu kien hareg ic-cheque personali ta` Edgar Urpani kien inghalaq fit-<u>23 ta` April 2007</u> *ghax kien in debit.* Skond ix-xhud Audrey Ghigo, rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, il-kont ta` Jack Serra Limited li minnu kien hareg ic-cheque fuq riferit kien inghalaq fil-<u>21 ta` Ottubru 2004.</u>

Krucjali hija x-xhieda ta` Edgar Urpani. Mistoqsi jekk Jack Serra Limited hijiex kumpannija li ghadha in operation, huwa wiegeb li *kienet in operation* u li *ghadha miftuha bhala kumpannija* pero` meta kien mistoqsi jekk

hijiex *in liquidation* wiegeb *not yet.* Mistoqsi ghala ffirmat cheque fuq kont ta` Jack Serra Limited li kien inghalaq, ix-xhud wiegeb *I don`t remember ... ma niftakarx.* Mistoqsi domanda identika dwar il-kont personali tieghu, ix-xhud wiegeb *No I don`t recall.* Mistoqsi ghala hareg pagament minn kont personali tieghu jekk id-dejn kien ta` Jack Serra Limited, ix-xhud wiegeb *hrigtu ghax I had a bit of pressure from the company from Anchor Bay Lesiure u dak iz-zmien ma kellix il-fondi bizzejjed f`kont ta` Jack Serra allura ppruvajt nghin min-naha tieghi.* Izid li *Jack Serra ma kenitx fil-posizzjoni li tohrog dak l-ammont ta` flus.*

**Ikkunsidrat :**

Fl-ewwel premessa tal-azzjoni taghha, il-kumpannija attrici tghid li *s-socjeta` rikorrenti kienet avvanzat lill-intimat Urpani li pprezenta ruhu bhala li kien qieghed jirrapprezenta lis-socjeta` intimata.* Fil-bicca l-kbira ta` dawk il-kazi fejn kreditu pretiz jigi kontestat abbazi tad-difiza ta` l-illegittimita` tal-persuna, il-kwistjoni tkun ghaliex l-allegat debitur jghid li huwa ma kienx qieghed jagixxi fil-kwalita` personali tieghu izda bhala rapprezentant ta` kumpannija. U l-gurisprudenza taghna tat direzzjoni bl-insenjamenti taghha dwar kif materja ta` din ix-xorta ghandha tigi trattata (ara : PA/JZM – **"Zammit noe vs Lubinsky"** – 30 ta` Marzu 2010 ; Appell – **"Vella vs Vella"** - 3 ta` Dicembru 1999 ; Appell - **"Caruana et vs Magro et" -** 6 ta` Ottubru 1999 ; Appell – **"Formosa et noe vs Felice"** – 6 ta` Ottubru 1999 ; K/JDC - **"Bonnici noe vs Grima" -** 30 ta` April 1992 (LXXVI.IV.677) ; u K/FGC - **"Cilia noe vs Scicluna"** - 27 ta` April 1992 (LXXVI.IV.673).

Fil-kawza tal-lum, ma kenitx din il-kwistjoni propju ghaliex mill-bidu nett u cioe` fl-ewwel premessa taghha il-kumpannija attrici taccetta li ttrattat mal-kumpannija Jack Serra Limited tramite Edgar Urpani.

Meta mbaghad giet ghas-sottomissjonijiet finali taghha, il-kumpannija warrbet fil-genb dak li ppremettiet fir-rikors promotorju u qalet li *fl-ebda hin u mument ma kien hemm rapprezentazzjonijiet ghan-nom tal-kumpannija Jack Serra Ltd u fil-fatt is-socjeta` attrici innegozjat ma` Edgar Urpani f`mohha f`ismu personali*. U waslet biex tghid li *meta qamet il-kwistjoni ta` Jack Serra Ltd kien fi stadju tardiv hafna*. Mill-provi mhux hekk jidher li kien il-kaz ghaliex fid-dokumenti li l-kumpannija attrici stess esebiet mar-rikors promotorju jirrizulta car li l-involviment ta` Jack Serra Limited kien fl-istadju meta sar il-kuntratt ta` akkwisit tal-apparat. Il-kumpannija kienet kuntenta tittratta ma` Jack Serra Limited mhux mal-intimat Edgar Urpani fil-kwalita` personali tieghu, tant li hallset l-akkont lil Jack Serra Limited u kienet din il-kumpannija li rrilaxxjat ricevuta.

Fil-kawza tal-lum irrizulta sal-grad rikjest mil-ligi li l-kumpannija attrici ghandha dritt tiehu lura s-somma ta` €19,799.67 (ekwivalenti ghal Lm8,500) li kienet hallset ghal taghmir li rrizulta ma setax jigi konsenjat ghall-prezz patwit Fil-premessi tar-rikors promotorju, il-kumpannija attrici tghid li l-prezz kwotat *ma kienx effettivament dak reali, liema prezz – meta finalment ingieb a konjizzjoni tal-esponenti rrizulta li kien ferm u ferm aktar gholi minn dak lilha kkwotat u minnha accettat – tant li dan wassal biex l-ordni tigi kancellata immedjatament mis-socjeta` rikorrenti.* Din il-Qorti hija sodisfatta li fic-cirkostanzi kien hemm ragunijiet bizzejjed sabiex jithassar il-kuntratt u jinghata lura d-depozitu.

Il-kwistjoni ta` dritt aktar milli ta` fatt li din il-Qorti ghandha quddiemha hija jekk il-kumpannija attrici ghandhiex dritt tiehu dawk il-flus minghand Jack Serra Limited wahedha (kif il-konvenut Edgar Urpani jippretendi li ghandha taghmel) inkella minghand iz-zewg konvenuti ghaliex tghid li huma debituri taghha *in solidum* (kif qeghda tippretendi l-kumpannija attrici).

Il-kumpannija attrici qeghda tghid li *anke* Edgar Urpani *proprio* huwa debitur taghha minhabba l-mod dirett kif huwa kien involut fit-trattativi maghha. Din il-Qorti tghid li fuq l-iskorta tal-provi rrizulta bhala fatt li l-ftehim sar bil-miktub ma` Jack Serra Limited, thallset Jack Serra Limited u harget ir-ricevuta tal-pagament l-istess Jack Serra Limited.

Il-kumpannija attrici tghid *ukoll* li Edgar Urpani *ukoll* huwa debitur taghha ghaliex wara li kien hareg ic-cheque tal-pagament minn Jack Serra Limited, li ma kienx onorat ghaliex il-kont kien maghluq, l-istess Edgar Urpani hareg cheque personali tieghu ghall-istess ammont, li ma kienx onorat ukoll ghaliex anke dak il-kont kien maghluq. Dawn huma fatti accertati li rrizultaw mill-provi. Skond Edgar Urpani, huwa hareg dak ic-cheque ghax kellu pressjoni mill-kumpannija attrici u wkoll sabiex ighin.

Apparti l-kwistjoni ta` dritt (li sejra tqis aktar `il isfel) jekk il-hrug ta` dak ic-cheque personali kienx jammonta ghall-assunzjoni ta` responsabilita` *in solidum* ghall-hlas da parti ta` Edgar Urpani, din il-Qorti ssib hafna x`ticcensura fil-komportament ta` Edgar Urpani. Fl-ewwel lok, it-twegibiet evasivi tieghu meta ssejjah biex jixhed "in subizzjoni" ma humiex kredibbli u jxellfu sewwa l-attendibilita` tal-verzjoni tieghu. Fit-tieni lok, il-hrug ta` cheques bil-firma tieghu minn kontijiet maghluqa jistghu jesponu lill-istess Edgar Urpani ghal azzjonijiet ohra.

Dwar din it-tieni konsiderazzjoni, anke tenut kont tal-kumpless ta` argumenti li gabet il-kumpannija attrici fis-sottomissjonijiet finali taghha, din il-Qorti tghid li ghalkemm qabel intavolat l-azzjoni taghha, il-kumpannija attrici kienet diga` taf li z-zewg cheques ma kienux issarrfu, ghalkemm fil-premessi tar-rikors promotorju (ara paragrafu 4 u 5) tallega li minhabba l-agir ta` Edgar Urpani kienet qeghda *tirriserva minn issa kull azzjoni penali lilha talvolta spettanti skond il-ligi,* u ghalkemm fis-sottomissjonijiet finali taghha ssostni li Edgar Urpani

agixxa b`*malizzja* (kliem il-kumpannija attrici) *cio` nonostante* il-kumpannija attrici ma ressqitx l-azzjoni taghha fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap.16 li jittrattaw id-Delitti u Kwazi-Delitti izda mpostat l-azzjoni fuq allegazzjoni ta` responsabilita` ghall-hlas minn zewg debituri *in solidum*.

Dan premess din il-Qorti tghid li skond il-provi akkwiziti, dak li jipprovdi l-Art.115 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta` Malta mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum ghaliex ma rrizultax li dik ta` bejn il-partijiet kienet obbligazzjoni kummercjali fejn il-ftehim kien jikkontempla kondebituri u fejn allura kien hemm il-prezunzjoni tas-solidarjeta`. Del resto la fl-impostazzjoni ta` l-azzjoni taghha u lanqas fis-sottomissjonijiet finali l-kumpannija attrici ma tinvoka l-applikazzjoni ta` din id-disposizzjoni.

Dak li din il-Qorti sejra tara issa huwa jekk ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum hijiex applikabbli s-solidarjeta` skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ir-*ratio* tas-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri (ara : **"Sciberras pro et noe vs Rhouri et"** – Appell Inferjuri/PS **-** 9 ta` Novembru, 2005).

Is-solidarjeta` titwieled jew ghax espressament provdut mil-ligi jew bil-volonta` tal-partijiet (Art. 1089) [ara - "**Catania vs Degiorgio et**" - Prim` Awla, tal-Qorti Civili - 21 ta` Frar, 1958). Fil-kamp civili, is-solidarjeta` ma tistax tkun prezunta.

Il-presupposti ta` l-obbligazzjoni solidali huma (a) pluralita` ta` soggetti, (b) l-*idem debitum*, ossija l-istess prestazzjoni (Art. 1094), anke jekk ikunu jezistu modalitajiet diversi fil-kaz ta` whud mill-kondebituri (Art.1095 tal-Kap.16), diretta ghas-sodisfaciment ta` l-

istess interess kreditorju, u (c) l-*eadem causa obligandi* ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b`mod li kull wiehed minnhom jista` jigi kostrett ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn *di fronte* ghall-kreditur (Art.1094) [ara : "**Primrose Poultry Products Limited vs Balzan et"** – Appell Inferjuri**/**PS – 12 ta` Dicembru 2008 u "**Borg Cold Stores (Import & Distribution Ltd vs Pickard *et***" – Appell Inferjuri/PS – 19 ta` Ottubru 2005].

Stabbilita n-natura u l-effetti ta` l-obbligazzjoni solidali, din il-Qorti tghid li l-provi akkwiziti jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi minghajr esistazzjoni li fil-mument li l-konvenut Edgar Urpani, ghar-ragunijiet tieghu, accetta li johrog cheque personali tieghu sabiex jaghmel tajjeb ghal cheque li huwa stess kien hareg a favur tal-kumpannija attrici bhala rapprezentant ta` Jack Serra Limited, liema cheque ta` Jack Serra Limited ma kienx gie onorat ghax il-kont bankarju kien maghluq, liema cheque personali tieghu *inserta* lanqas ma kien onorat *ghall-istess ragun* u cioe` ghax il-kont kien maghluq, l-istess Edgar Urpani sar debitur solidali ma` Jack Serra Limited versu l-kumpannija attrici ghall-ammont pretiz mill-kumpannija attrici fil-kawza tal-lum.

Din il-Qorti tqis bhala insostenibbli l-argumenti li gab Edgar Urpani fis-sottomissjonijiet finali tieghu in partikolari dik li kienet tittratta l-hekk maghrufa bhala *the lifting of the corporate veil.* Din il-Qorti tghid li din il-konsiderazzjoni ma setghetx titqajjem ghax bl-ebda mod ma kien allegat u pruvat waqt l-*iter* tal-kawza li Edgar Urpani kien persuna li kellu xi sehem fil-kumpannija Jack Serra Limited jew kien involut fid-direzzjoni taghha. Din il-Qorti hija fiz-zgur meta tghid li Edgar Urpani ma wegibx b`mod konvincenti (lanqas fis-sottomissjonijiet finali tieghu) ghall-kwesit ewlieni ta` din il-kawza : ghala accetta li jaghmel tajjeb personalment ghall-obbligazzjoni li originarjament kienet ta` Jack Serra Limited ? Din il-Qorti tghid li bil-hrug tac-cheque personali tieghu Edgar Urpani accetta u esprima r-rieda, b`mod car u inekwivoku, li jassumi r-

responsabilita` ghall-hlas bl-istess mod bhal Jack Serra Limited.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta Jack Serra Limited ;**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Edgar Urpani ;**

**Tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti Jack Serra Limited u Edgar Urpani sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` dsatax-il elf seba` mija disgha u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€19,799.67) kif fuq premess, bl-imghax legali b`effett mit-30 ta` Mejju 2007.**

**Tikkundanna lill-konvenuti Jack Serra Limited u Edgar Urpani sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------